MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 466/2006

**Philip Pace & Sons Limited**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta` rikorrenti permezz ta' Michael Pace ppremettiet:

1. Illi jiena direttur tas-socjeta' attrici u naf personalment bil-fatti kollha li ser insemmi aktar `il quddiem.

2. Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' tmient elef seba' mija u tlieta u disghin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm8,793.83) rapprezentanti import ta' kambjali iffirmati u accettati mill-istess konvenut li skadew bejn l-11 ta' Marzu 2005 u l-11 ta' Marzu 2006

minghajr ma thallsu. (Dok Dok A1 sa Dok A 25) liema dejn hu cert, likwidu u dovut.

3. Illi l-konvenut *nonostante* li gie interpellat sabiex ihallas baqa' inadempjenti.

4. Illi fil-fehma tieghi il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici u opponu ghall-ittra ufficjali sabiex itawwal inutilment il-hlas dovut bi pregudizzju serju ghas-socjeta' attrici.

Illi l-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk li l-istess konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is--somma ta' tmient elef seba' mija u tlieta u disghin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm8,793.83) rapprezentanti import ta' kambjali iffirmati u accettati mill-istess konvenut li skadew bejn il-11 ta' Marzu 2005 u l-11 ta' Marzu 2006.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, mandat ta' sekwestru u mandat ta' qbid prezentati kontestwalment, tal-ittra ufficjali tat-28 ta' April 2005 u bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza li sal-1 ta' Mejju 2006 kien jammonta ghal erba' mija u tlieta u sebghin lira u erba' u tmenin centezmu (Lm473.84) kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti;

Rat in-nota tas-socjeta` rikorrenti datata 28 ta' Gunju 2006 li biha rriduciet it-talba ghall-ammont ta' sitt elef, seba' mija u hmistax-il Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm6,715.42), *stante* pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-intimat li biha ammetta t-talba kif ridotta, tali nota datata 28 ta' Gunju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2006.

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Illi mill-ammissjoni tal-intimat, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-intimat **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti** limitatament ghas-somma ta' sitt elef, seba' mija u hmistax-il Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm6,715.42), bl-imghax legali mill-15 ta' Gunju 2006 sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------